NOMINA TA’ DOTT. ADRIAN SCIBERRAS GĦALL-ĦATRA
TA’ AMBAXXATUR TA’ MALTA, MHUX RESIDENTI GĦALL-INDONESJA

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

1. X’taħseb li huma l-isfidi li qed tara fil-pajjiż rispettiv fejn se tinħatar bħala Ambaxxatur? U kif qiegħed tara dawn l-isfidi jiġu indirizzati f’dan il-pajjiż?

L-Indoneżja hija pajjiż vast u b’ potenzjal ekonomiku kbir, iżda tiffaċċja diversi sfidi li jistgħu jaffettwaw is-sostenibbilta’ tat-tkabbir tagħha u l-impenn internazzjonali. Fost dawn:

i. Sostenibbilta’ ambjentali – Bħala wieħed mill-ikbar produtturi ta’ *palm oil* fid-dinja, l-Indoneżja tiffaċċja sfidi relatati mad-deforestazzjoni u l-bijodiversita’. Il-Gvern Indonesjan qed jimplimenta *policies* ta’ agrikoltura sostenibbli, inkluż l-inizjattiva tas-"Sustainable Palm Oil Certification" biex jiġi żgurat bilanċ bejn l-iżvilupp u l-konservazzjoni.[1]

ii. Tibdil fil-klima u vulnerabbilta’ għad-diżastri naturali – L-Indoneżja hija esposta għal għargħar, terremoti u tsunami. Il-Gvern Indonesjan qed jinvesti f’infrastruttura reżiljenti, inkluż sistemi ta’ *early warning* u miżuri ta’ adattament permezz tan-‘National Disaster Risk Reduction Strategy[2].’

iii. Kompetizzjoni ekonomika u attrazzjoni ta’ investiment barrani – Għalkemm l-Indoneżja qed tikber ekonomikament, hemm sfidi regolatorji li jistgħu jrażżnu investiment barrani dirett (FDI). Il-Gvern Indonesjan qed jaħdem fuq simplifikazzjoni burokratika u tisħiħ tal-"Omnibus Law" biex jiffaċilita l-investiment[3].

Bħala Ambaxxatur mhux residenti, nista’ nippromwovi kollaborazzjoni f’oqsma bħall-enerġija rinovabbli, it-teknoloġija nadifa u l-innovazzjoni, b’attenzjoni fuq il-bidla fil-klima u l-iżvilupp sostenibbli.

2. X’inhuma l-binarji, b’mod ġenerali, li beħsiebek taħdem fuqhom f’każ li tinħatar Ambaxxatur?

Bħala Ambaxxatur mhux residenti, l-istrateġija tiegħi tkun ibbażata fuq dawn it-tliet binarji ewlenin:

i. Koperazzjoni edukattiva u kulturali – Biex jinħolqu opportunitajiet għal skambji akkademiċi, riċerka konġunta u programmi ta’ scholarships bejn istituzzjonijiet Maltin u Indoneżjani.

---

[1] The #1 Sustainable Choice - Indonesia Palm Oil Facts https://www.indonesiapalmoilfacts.com/indonesia-the-1-sustainable-choice/

[2] Official Statement of the National Disaster Management Authority, Republic of Indonesia for the 2024 Asia Pacific Ministerial Conference of Disaster Risk Reduction https://apmcdrr.undrr.org/media/101275/download?startDownload=20250326

[3] Indonesia: ‘Omnibus Law’ on job creation has been enacted https://investmentpolicy.unctad.org/investment-policy-monitor/measures/3567/indonesia-omnibus-law-on-job-creation-has-been-enacted

ii. Sħubija ekonomika u investiment – Malta tista' tkun *gateway* għal investiment Indoneżjani fl-Ewropa, filwaqt li tiffaċilita aċċess għal investiment f'setturi strateġiċi bħall-*blockchain* u l-FinTech.

iii. Relazzjonijiet politiċi u multilaterali – Bini ta' relazzjonijiet diplomatiċi aktar b'saħħithom permezz ta' djalogu kontinwu u parteċipazzjoni f'*fora* internazzjonali bħall-ASEAN u s-sħubija UE-Indoneżja.

3. Bħala Ambaxxatur, kif tara li x-xogħol tiegħek jista' jwassal sabiex jiżdiedu u jitjiebu r-rabtiet politiċi u soċjali ma' pajjiżna?

Bħala Ambaxxatur, nara l-irwol tiegħi bħala pjattaforma sabiex:

i. Ngħolli l-livell tal-kooperazzjoni politika – Norganizza laqgħat regolari bejn mexxejja politiċi u rappreżentanti tas-settur privat biex jiġu diskussi opportunitajiet strateġiċi.

ii. Nippromwovi l-iskambji kulturali u soċjali – Bil-kollaborazzjoni ma' istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet kulturali, Malta tista' torganizza avvenimenti li jsaħħu l-għarfien reċiproku.

iii. Niffaċilita programmi ta' *traineeship* u riċerka – Dan jista' jinkoraġġixxi aktar kollaborazzjoni bejn il-professjonisti u l-istudenti Maltin u Indoneżjani.

4. Liema taħseb li huma l-isfidi prinċipali li għandna negħlbu sabiex insaħħu r-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi?

i. Distanza ġeografika u limitazzjonijiet loġistiċi – Dan jista' jiġi indirizzat permezz tal-użu ta' teknoloġiji diġitali u parteċipazzjoni f'pjattaformi internazzjonali.

ii. Nuqqas ta' għarfien dwar is-swieq reċiproċi – Kampanja ta' informazzjoni u *networking* tista' tgħin biex tagħti viżibbilta' lil Malta fost l-investituri Indoneżjani.

iii. Ostakli regolatorji – Sabiex jitnaqqsu dawn l-isfidi, jista' jiġi esplorat ftehim kummerċjali li jiffaċilita n-negozju u jħeġġeġ l-investiment reċiproku.

5. X'taħseb li huma n-niċeċ li nistgħu nsibu sinerġiji fuqhom bejn Malta u l-pajjiż rispettiv li int se tkun se tirrappreżenta lil pajjiżna?

i. Blockchain u FinTech – Malta hija ċentru regolatorju ta' importanza f'dan il-qasam, billi kienet fost l-ewwel ġurisdizzjonijiet fid-dinja li introduċiet qafas legali ċar għal teknoloġiji bħal dawn.[4] Min-naħa tagħha, l-Indoneżja qed tinvesti fl-iżvilupp ta' teknoloġiji finanzjarji diġitali,

[4] Malta Financial Services Authority – Virtual Financial Assets https://www.mfsa.mt/our-work/virtual-financial-assets/

u hija dar għal 20% tal-kumpaniji FinTech fl-ASEAN, b'industrija li mistennija tiġġenera $8.6 biljun f'dħul sal-2025[5].

ii. Industrija Marittima u Loġistika – Malta, permezz tal-Malta Freeport, isservi bħala ċentru loġistiku ewlieni fil-Mediterran, u tista' tkun punt ta' tranżitu effettiv għas-suq Ewropew għall-prodotti Indoneżjani.

iii. Turiżmu u Ospitalita' – Malta tista issaħħaħ il-konnessjoni ta' titjiriet bejn il-pajjiżi peremess ta' iktar għarfien u reklamar dwar rotot jew skemi ta' tranżitu li tista' tiffaċilita l-konnettivita' u tippromwovi t-turiżmu bejn iż-żewġ pajjiżi[6].

6. Kif tara li għandna nsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?

i. Ftehim dwar l-investiment u t-tassazzjoni – Jistgħu jiġu nnegozjati ftehim bilaterali bħall-Evitazzjoni tat-Tassazzjoni Doppja[7].

ii. Missjonijiet kummerċjali u *fora* ta' investiment – Malta tista' tospita delegazzjonijiet Indoneżjani biex tesplora opportunitajiet f'oqsma strateġiċi[8].

iii. Sħubijiet pubbliċi-privati – Kollaborazzjonijiet f'oqsma bħall-enerġija nadifa u s-settur tal-gaming jistgħu jiġu esplorati biex jippromwovu l-innovazzjoni u l-iżvilupp sostenibbli[9].

7. F'dan ir-rigward, tara li hemm trattati li jistgħu jitħaddmu aħjar bejn iż-żewġ pajjiżi? Jew trattati oħra li għandhom jiġu esplorati għaż-żmien li ġej?

i. Trattat ta' Protezzjoni tal-Investiment[10] – Dan jassigura investiment sigur u prevedibbli.

ii. Trattati dwar it-Tassazzjoni Doppja[11] – Jistgħu jinkoraġġixxu investiment reċiproku.

---

[5] Indonesia – Financial Services (Financial Technology) https://www.trade.gov/country-commercial-guides/indonesia-financial-services-financial-technology
[6] https://www.flightconnections.com/flights-from-mla-to-cgk
[7] Malta – Double Taxation Agreements in force https://cfr.gov.mt/en/inlandrevenue/itu/pages/tax-treaty-withholding-rates.aspx
[8] Journal of Commerce: Indonesia agrees to send trade delegation to Malta https://www.joc.com/article/indonesia-agrees-to-send-trade-delegation-to-malta-5619200
[9] Clean Energy Investment Accelerator https://wri-indonesia.org/en/initiatives/clean-energy-investment-accelerator
[10] Understanding Investment Protection Treaties: Safeguarding Your Foreign Investments https://lindemannlaw.ch/insights/understanding-investment-treaty-protection/
[11] Malta – Double Taxation Agreements in force https://cfr.gov.mt/en/inlandrevenue/itu/pages/tax-treaty-withholding-rates.aspx

iii. Ftehim dwar is-Sostenibbilta' u l-Enerġija Nadifa[12] – Billi l-Indoneżja hija produttur ta' riżorsi naturali, Malta tista' tkun sieħba f'proġetti ta' riċerka dwar enerġiji rinovabbli.

8. Taħseb li hemm lok għal iżjed koperazzjoni fil-qasam tat-turiżmu bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?

Iva, il-promozzjoni ta' Malta bħala destinazzjoni Ewropea għall-Indoneżjani, u viċi versa, tista' tagħti spinta lit-turiżmu reċiproku. Fil-fatt, naqblu li għalkemm l-Indoneżja hija popolari fost il-Maltin bħala destinazzjoni għal vaganzi jew qamar il-għasel, għad m'hijiex meqjusa bħala destinazzjoni ideali għad-*digital nomads* Maltin.

Bħala parti mill-isforzi tagħna biex insaħħu r-relazzjonijiet bejn iż-żewġ pajjiżi, nistgħu ninkludu promozzjoni aktar diretta lejn dan is-settur li qed jikber f'Malta. Jista jiġi ikkunsidrat sew li naħdmu ma' komunitajiet ta' *freelancers* u professjonisti li jaħdmu b'mod remot, kif ukoll ma' spazi ta' co-working jew inizjattivi ta' start-ups biex infasslu kampanja li turi l-benefiċċji li toffri l-Indoneżja – bħall-infrastruttura, l-istil ta' ħajja, l-ispejjeż kompetittivi u l-komunità internazzjonali – speċifikament għal *digital nomads*.

Din tkun ukoll opportunità tajba biex noħolqu rabtiet ġodda fil-qasam teknoloġiku u kulturali bejn iż-żewġ nazzjonijiet.

L-Indoneżja toffri Viża għax-Xogħol Remot (E33G) li ġiet introdotta f'April tal-2024[13]. Din il-viża tippermetti lil ħaddiema remoti li huma impjegati minn kumpaniji barra l-Indoneżja, jew li jaħdmu bħala freelancers, jgħixu fil-pajjiż għal massimu ta' sena. Hemm ukoll il-possibbiltà li tiġġedded għal sena oħra.

9. Fuq livell ta' politika Ewropea u Internazzjonali, tara bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi li jistgħu isaħħu l-koperazzjoni bejniethom b'mod partikolari fuq livell ta' Unjoni Ewropea?

i. Parteċipazzjoni fi ftehim UE-Indoneżja - L-Unjoni Ewropeja u l-Indonesja ilhom jinnegozjaw Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Komprensiva (CEPA) mill-2016, bil-għan li jiffaċilitaw l-aċċess għas-suq, iżidu l-kummerċ u l-investiment, u jipprovmwovu l-iżvilupp sostenibbli[14].

ii. Kollaborazzjoni fuq l-'EU Green Deal' f'oqsma ta' sostenibbilta' u enerġija nadifa - L-UE u l-Indoneżja kkonfermaw l-impenn tagħhom lejn tkabbir aħdar, billi jaħdmu flimkien fuq prijoritajiet konġunti u sfidi globali, inkluż l-enerġija u l-iżvilupp sostenibbli[15].

---

[12] Renewable Energy 2024: Indonesia https://practiceguides.chambers.com/practice-guides/renewable-energy-2024/indonesia

[13] Remote Worker Visa for Bali, Indonesia (E33G) https://bali.com/remote-worker-visa-kitas-bali-indonesia/

[14] Trade and Economy Security, EU-Indonesia Free Trade Agreement https://policy.trade.ec.europa.eu/eu-trade-relationships-country-and-region/countries-and-regions/indonesia/eu-indonesia-agreement_en

[15] Delegation of the European Union to Indonesia and Brunei Darussalam; EU-Indonesia reaffirm commitment to Green Growth https://www.eeas.europa.eu/delegations/indonesia/eu-indonesia-reaffirm-commitment-green-growth_en?s=168

10. Tista’ tispjega lill-Kumitat dwar jekk kontx involut matul il-karriera tiegħek fi ħdan il-Korp Diplomatiku u/jew il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?

S’issa le, imma din is-sena għadni kif gradwajt fil-*Masters of Arts in Diplomatic Studies* mal-MEDAC fl-Universita’ ta’ Malta.

11. Tista’ tindika x’karigi għandek fil-preżent u jekk kemm-il darba tinħatar bħala Ambaxxatur, hux se tkun qed iżżomm xi kariga minnhom?

Fil-preżent immexxi ditta ta’ Avukati bl-isem *Sciberras Advocates*, u qed nipprattika bħala avukat, liema karriera bi ħsiebi nibqa’ nipprattika anke jekk tingħatali din il-kariga prospettiva. Minbarra dan, jien *accountant* bi professjoni u għadni kemm temmejt studji u gradwajt fil-kors tad-diplomazija ġewwa il-MEDAC fl-Universita’ ta’ Malta.

12. Tista’ tindika jekk għandekx xi attivitajiet kummerċjali? Jekk iva, tista’ tindika jekk dawn l-attivitajiet kummerċjali jikkostitwixxux xi kunflitt ta’ interess ma’ din il-kariga prospettiva?

Kif spejgajt f’punt numru 11, f’2022 ftaħt id-ditta legal tal-Avukati, *Sciberras Advocates*. Din il-kariga prospettiva mhux ħa tkun kunflingenti mal-professjoni li qed inħaddan bħalissa.

13. Tista’ tinforma lill-kumitat jekk diġà kellekx jew għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali mal-pajjiż rispettiv?

Rabtiet jew investimenti kummerċjali mal-Indonesia ma għandix u qatt ma kelli.

Risposti ta’ Adrian Sciberras jum is-28 ta’ Marzu 2025.

________________________________

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. Kif tiddeskrivi r-rwol ta' Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għall-Indonesja?

Ir-rwol ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Indoneżja jinkludi:

i. Rappreżentanza Diplomatika u Kummerċjali – Li jirrappreżenta l-interessi ta' Malta fl-Indoneżja, b'mod speċjali f'oqsma strateġiċi bħall-kummerċ, it-turiżmu, u s-setturi emerġenti bħall-FinTech u l-enerġija nadifa.

ii. Żvilupp tar-Relazzjonijiet Bilaterali – Bini u tisħiħ tar-relazzjonijiet bejn iż-żewġ pajjiżi fuq livell politiku, ekonomiku u kulturali, permezz ta' djalogu kontinwu u inizjattivi ta' kollaborazzjoni.

iii. Faċilitazzjoni ta' Kollaborazzjonijiet – Ħidma mill-qrib mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ta' Malta, l-awtoritajiet Indoneżjani, u organizzazzjonijiet multilaterali biex jiġi ffaċilitat investiment reċiproku u koperazzjoni f'oqsma bħall-edukazzjoni, it-turiżmu u l-innovazzjoni.

iv. Missjonijiet Uffiċjali u Ekonomija Diplomatika – Koordinazzjoni ta' laqgħat uffiċjali, żjarat ta' delegazzjonijiet, u parteċipazzjoni f'*fora* internazzjonali sabiex jiġu esplorati opportunitajiet ġodda ta' investiment u skambju kummerċjali bejn Malta u l-Indoneżja.

Eżempju ta' dan ir-rwol huwa l-ħidma mwettqa minn ambaxxaturi mhux residenti oħra ta' Malta li rnexxielhom jiffaċilitaw ftehim ta' kollaborazzjoni fis-settur tat-teknoloġija u l-enerġija mal-pajjiżi li jirrappreżentaw.

2. Tista' tindika, fl-opinjoni tiegħek, liema huma l-isfidi prinċipali fir-relazzjonijiet bejn Malta u l- Indonesja?

i. Distanza Ġeografika u Limitazzjonijiet Loġistiċi – L-Indoneżja u Malta jinsabu f'reġjuni differenti, u dan jista' joħloq sfidi f'termini ta' konnettivita' kummerċjali u diplomatika. Soluzzjonijiet jistgħu jinkludu l-użu ta' teknoloġiji diġitali għal negozjati u parteċipazzjoni fi pjattaformi reġjonali bħall-ASEAN u l-UE.

ii. Nuqqas ta' Għarfien Reċiproku – Minkejja l-opportunitajiet ekonomiċi, il-kultura kummerċjali u regolatorja ta' Malta għadha mhux daqshekk magħrufa fost l-investituri Indoneżjani, u viċi-versa. Kampanji ta' promozzjoni u missjonijiet kummerċjali jistgħu jgħinu biex jindirizzaw din il-lakuna.

iii. Sfidi Regolatorji u Kummerċjali – L-Indoneżja għandha regolamenti kummerċjali u finanzjarji speċifiċi li jistgħu jkunu sfida għal kumpaniji Maltin, speċjalment f'setturi bħal *iGaming* u *Blockchain*. Eżempju ta' dan huwa l-fatt li ċerti attivitajiet tal-*cryptocurrency* fl-Indoneżja huma strettament regolati.

3. Tista' tispjega x'inhuma l-pożizzjonijiet u interessi komuni li aħna nħaddnu mal-Indonesja?

Malta u l-Indoneżja jaqsmu diversi interessi komuni:

i. Sostenibbilta' u Bidla fil-Klima – Malta u l-Indoneżja huma impenjati fi proġetti ta' enerġija nadifa u żvilupp sostenibbli. Pereżempju, l-Indoneżja qed tinvesti f'enerġija ġeotermali, filwaqt li Malta qed toffri inċentivi għall-innovazzjoni f'dan il-qasam[16].

ii. Kummerċ u Investiment – Malta tista' tkun punt ta' aċċess għas-suq Ewropew għall-kumpaniji Indoneżjani, filwaqt li n-negozji Maltin jistgħu jibbenefikaw mill-ekonomija dinamika tal-Indoneżja. Pereżempju, ftehim bejn kumpaniji marittimi Maltin u Indoneżjani jista' jsaħħaħ il-kummerċ fil-qasam tal-loġistika.

iii. Turiżmu u Kultura – Malta u l-Indoneżja huma destinazzjonijiet turistiċi popolari, u jistgħu jikkollaboraw fuq inizzjattivi biex itejbu l-konnettività' u l-iskambji kulturali[17].

4. Xi preparazzjoni u formazzjoni għandek fi ħdan korp diplomatiku? Qatt ġejt assenjat ġewwa ambaxxata jew irċevejt xi forma ta' taħriġ fid-diplomazija?

Għadni kif irċevejt Master's in Diplomatic Studies mill-MEDAC (Mediterranean Academy of Diplomatic Studies) fl-Universita' ta' Malta, fejn studjajt negozjati internazzjonali, protokoll diplomatiku, u relazzjonijiet internazzjonali. Filwaqt li għadni ma kontx uffiċjal tal-korp diplomatiku, il-formazzjoni akkademika tiegħi u l-esperjenza professjonali bħala *accountant* u avukat tawni ħiliet analitiċi u strateġiċi rilevanti għad-diplomazija ekonomika u politika.

5. Tista' tinforma lill-kumitat jekk diġà kellekx żjarat fl-Indonesja u jekk għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali fl-Indonesja?

S'issa għadni ma żortx l-Indoneżja u m'għandix rabtiet jew investimenti kummerċjali fil-pajjiż. Jekk jiġu żviluppati opportunitajiet f'dan il-qasam, nirrispetta l-prinċipji ta' trasparenza u dikjarazzjoni ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess.

6. Qatt kont involut f'negozjati, trattati jew f'dikjarazzjonijiet fl-interess ta' pajjiżna ma' pajjiżi oħra?

Le, qatt ma kont involut f'negozjati, trattati jew dikjarazzjonijiet f'isem Malta.

---

[16] Indonesia's Investment in Geothermal Energy https://www.irena.org/Newsroom/PressReleases/2020/Mar/Indonesia-accelerates-geothermal-investment-to-meet-clean-energy-targets

[17] Promoting Tourism and Cultural Exchange between Malta and Indonesia https://www.visitmalta.com/en/a/partnerships-and-collaborations

7. Tista' tindika jekk kontx impjegat mal-Istat Malti u, jekk iva, f'liema dipartiment/awtorità/entità?

Le, qatt ma kont impjegat mal-Istat Malti.

8. Tista' tindika jekk qatt kontx parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari jew jekk ħdimtx fil-qrib tagħhom f'dawn l-aħħar snin?

Le, qatt ma kont parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari.

9. Tista' tindika x'karigi tokkupa fil-preżent u liema minnhom beħsiebek iżomm f'każ li tiġi maħtur bħala Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għall-Indonesja?

Bħalissa nipprattika l-professjoni tiegħi bħala avukat, u mmexxi ditta legali privata, '*Sciberras Advocates*'. Bi ħsiebni inkompli naħdem fil-professjoni tiegħi.

10. Tista' tindika jekk fil-preżent għandekx attivitajiet kummerċjali? Tista' tindika jekk dawn humiex ser ikunu f'xi kunflitt f'każ li tiġi maħtur Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għall-Indonesja?

Kif spejgajt f'punt numru 9, bħalissa nipprattika l-professjoni tiegħi bħala avukat, u mmexxi ditta legali privata, *Sciberras Advocates*. L-irwol tiegħi bħala Ambaxxatur mhux residenti ma jkunx f'kunflitt ma' din il-kariga, peress li d-diplomazija ekonomika u legali spiss tkun parti mill-ħidma ta' rappreżentanza internazzjonali.

11. Tista' tiddikjara jekk għandekx xi kunflitt ta' interess f'din il-ħatra tiegħek?

Niddikjara li m'għandix kunflitti ta' interess fir-rwol prospettiv tiegħi bħala Ambaxxatur mhux residenti għall-Indoneżja. F'każ li jinqalgħu sitwazzjonijiet fejn jista' jkun hemm kunflitt potenzjali, se nkun proattiv fl-informar tal-awtoritajiet kompetenti u nosserva l-prinċipji ta' governanza tajba.

12. Tista' tiddikjara jekk għandekx passaport jew ċittadinanza ta' pajjiż ieħor?

Niddikjara li m'għandix ċittadinanza jew passaport ta' pajjiż ieħor.

Risposti ta' Adrian Sciberras jum is-28 ta' Marzu 2025.